2.9.2015 A8-0216/55

**Emenda 55**
**Sylvie Goddyn**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0216/2015**
**Giulia Moi, Renate Sommer**
Ikklonar ta' annimali miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja
COM(2013)0892 – C7-0002/2014 – 2013/0433(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***ba) "dixxendenti ta' kloni tal-annimali"; l-annimali, minbarra kloni tal-annimali, inkluż mill-inqas axxendent wieħed li jkun annimal ikklonat, fi kwalunkwe livell fin-nisel tiegħu*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sikurezza sanitarja, l-axxendent huwa definit bħala membru dirett tal-linja, mingħajr limitazzjoni tan-numru ta' ġenerazzjonijiet.*


Magħquda fid-diversità

**Emenda 56**
**Sylvie Goddyn**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0216/2015**
**Giulia Moi, Renate Sommer**
Ikklonar ta' annimali miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja
COM(2013)0892 – C7-0002/2014 – 2013/0433(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Kontroll tal-importazzjonijiet*** |
| | ***Il-prodotti importati f'konformità mal-Artikolu 3a għandhom ikunu jistgħu jiġu kkontrollati permezz ta' apparat affidabbli.*** |
| | ***Sakemm ma jkun hemm ebda mezz tekniku ta' kontroll li jippermetti li tiġi vvalidata b'mod indipendenti u affidabbli l-konformità dikjarata tal-prodotti, l-importazzjoni ta' annimali, ta' prodotti ġerminali jew il-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali hija pprojbita sa mill-pajjiżi li jawtorizzaw il-kummerċ ta' kloni ta' annimali jew il-prodotti derivati tagħhom.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Dikjarazzjoni sempliċi ta' konformità li tiċċertifika l-assenza ta' kklonar fin-nisel tal-annimal li minnu ħarġu l-prodotti ma tissodisfax it-tħassib taċ-ċittadini u l-ħtiġijiet ta' kontrolli doganali. Għalhekk, miżuri adegwati jippermettu li jiġi żgurat li l-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jkunu f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha.*